# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Jannar, 2016**

**Rikors Numru 1075/2014 SM**

**Nico Leonhardt**

**vs.**

**Petra Margarethe Hildegard Nemet**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-18 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi b'sentenza ta' Qorti Germaniza tad-distrett ta' Schoneberg, Berlin, ir-rikorrenti inghata kreditu ta' tlett mija u erba` u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu, (€334.75), (ara foll 3 *et sequitur*);

1.2. Illi l-imsemmija sentenza hi wahda finali;

1.3. Illi fir-rigward inhareg ukoll Ordni Ewropew t'Infurzar skont ir-Regolamenti (EC) No. 805/2004;

1.4. Illi permezz ta' din il-procedura r-rikorrenti jitlob li din il-qorti:

1.4.1. Timplimenta u tenforza s-sentenza fuq riferita fil-gurisdizzjoni Maltija;

1.4.2. Bl-ispejjez;

2. Rat id-dokumenti esebiti;

3. Ezaminat ir-Regolamenti fuq riferiti;

Ikkunsidrat:

4.0. Illi l-qorti hi sodisfatta li l-inkartament prodott *in atti* jikkonforma ruhhu mar-rekwiziti tar-Regolamenti Ewropei fuq indikati, u konsegwentement:

**DECIDE:**

4.1. Tiddikjara ezegwibbli u allura tawtorizza l-esekuzzjoni tas-sentenza estera fuq gia` riferita fil-gurisdizzjoni Maltija;

4.2. Bl-ispejjez kontra l-intimata Petra Margarethe Hildegard Nemet.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**Decizjoni Finali**